**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)**

Illum, 29 ta' Jannar 2025

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**Vs**

**TEIMURAZ DATASHVILI**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra Teimuraz Datashvili ta' sebgħa u erbgħin (47) sena, iben Tamazi u Elizabeth Datashvili nee' Gosashvili, ta' nazzjonalita' Ġorġjana, imwieled il-Georgia, nhar it-tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elf disgħa mija u sebgħa u sebgħin (1977) residenti ġewwa 18, Desert Rose, Flat 3, Triq C. Mallia, San Ġwann u detentur tal-Karta tal-Identita' 0184574A u akkużat talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, u li ġew magħmula b' riżoluzzjoni waħda, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe' talli:-

> F'xi ħin bejn is-sitta ta' waranofsinhar (18:00) u t-tmienja ta' filgħaxija (20:00), tat-tlettax (13) ta' Marzu elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa l-

istabbiliment Smart Supermarket li qiegħed sitwat ġewwa Triq in-Naxxar, Birkirkara u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Ikkommetta serq ta' flixken tax-xorb u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz u bil-ħin u dan sar għad-detriment tal-istabbiliment Smart Supermarket u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

U aktar talli, f'xi ħin bejn it-tlettax (13) ta' Mejju u l-erbatax (14) ta' Mejju elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa l-istabbiliment Convenience Shop li qiegħed sitwat ġewwa Triq tal-Ħerba, Birkirkara u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

2. Ikkommetta serq ta' prodotti, PDA Scanner u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur; liema valur tal-ħaġa misruqa ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan sar għad-detriment tal-istabbiliment Convenience Shop u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

U aktar talli, f'xi ħin bejn il-ħdax ta' filgħodu (11:00) u s-sagħtejn ta' waranofsinhar (14:00) tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Awwissu elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa l-istabbiliment Homemate li qiegħed sitwat ġewwa Triq l-Imprendituri (Central Business District), Birkirkara u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

3. Ikkommetta serq ta' prodotti u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz u dan sar għad-detriment tal-istabbiliment Homemate u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

U aktar talli, f'xi ħin bejn nofsinhar (12:00) u t-tlieta ta' waranofsinhar (15:00) tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Settembru elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa

l-istabbiliment Welbee's Supermarket li qiegħed sitwat ġewwa Triq il-Kbira, Mellieħa u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

4. Ikkommetta serq ta' prodotti u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u dan sar għad-detriment tal-istabbiliment Welbee's Supermarket u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija fil-konfront tal-imputati tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A u 532A et seq, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Din il-Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużat rreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u fid-dawl ta' din l-ammissjoni il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk trid, terġa' lura minnha.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi jirriżulta li l-akkużat ilu jirrisjedi Malta għal dawn l-aħħar 8 snin. Hu għandu l-familja hawn Malta wkoll. Jirriżulta li hu għamel numru ta' serqiet minn diversi stabbilimenti f'Malta fosthom supermarkets. Hu ġie identifikat mid-diversi filmati

CCTV bħala l-persuna li wettaq dawn l-allegati serqiet u l-pulizija għaddiet għall-arrest tiegħu.

L-akkużat tressaq quddiem il-Qorti nhar it-3 ta' Diċembru 2024 akkużat bir-reati *de quo* u waqt is-seduta tal-lum, l-akkużat ammetta l-involviment tiegħu ai termini tal-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi jirriżulta li l-akkużat ikkowopera bis-sħiħ mal-uffiċjali investigattivi ammetta l-involviment tiegħu kemm fl-istqarrija rilaxxata minnu kif ukoll f'dawn il-proċeduri.

Ikkonsidrat;

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tagħha, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti tqis li din hija l-ewwel darba li l-akkużat xellef difrejħ mal-liġi hawn Malta u li għalkemm kien hemm numru ta' serqiet, dan kien episodju ta' darba. Huwa ammetta t-twettiq tiegħu ta' dan ir-reat mal-ewwel. Min-naħa l-oħra, ir-reat ta' serq huwa reat serju ħafna u ma jistax jiġi ttollerat fis-soċjetà Maltija.

Illi b'hekk, hija l-fehma tal-Qorti li għalkemm il-piena għandha tkun waħda karċerarja, din m'għandhiex tkun waħda effettiva.

Deċide:

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(b)(ċ)(f), 263(b), 267, 270 u 278(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil **Teimuraz Datashvili** **<u>ħati</u>** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u qed tikkundannah għal piena ta' tlettax-il (13) xahar priġunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li din il-piena ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk matul il-perijodu ta' sentejn (2) mil-lum, jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Illi ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem ir-responsabbilità tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Finalment, peress li ma ġew nominati ebda esperti f'dan il-każ, il-Qorti qed tastjeni milli tapplika l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-akkużat.

**Ft.Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**